MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-18 ta' Dicembru, 2009

Numru 1317/2009

**Il-Pulizija**
**Sp Mario Haber**
**vs**
**Atef Aboubaker**

**Il-Qorti**

**Rat l-imptuazzjoni dedotta kontra Atef Aboubaker ta' nazzjonalita Sudaniza imwieled Darfur fis-Sudan fis-sena 1978 iben Aboubaker u Medina, numru tal-pulizija 05O-015**

**Akkuzat talli f'data mhux maghrufa qabel Ottubru 2009 bhala persuna li imbarka jew zbarka minn jew go Malta naqas milli jkollu passaport u naqas illi jaghti lill-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-ohra kif l-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni jidhirlu xierqa li**

**jehtieg ai termini ta' l-Artikolu 28 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Rfat l-atti kollha tal-process. Rat l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat ghall-imputazzjoni dedotta kontrieh. Ghal daqstant din l-imputazzjoni giet ppruvata skond il-ligi.**

**Il-Qorti semghet wkoll lilll-imputat jiddeskrivi l-posizzjoni tieghu specjalment fejn huma involuti kwistjonijiet ta' sahha.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 28 u 32 (1) tal-Kap 217 ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontrieh. Wara li rat l-ammissjoni bikrija tieghu u li l-imputat ghandu fedina penali nadifa kif wkoll il-kundizzjonijiet socjali li kien qed jghix fihom, qed tikkundannah ghal piena ta' prigunerija ta' sitt xhur. Qed tordna li l-imputat jinghata l-ghajnuna medika mehtiega waqt li hu jkun fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------